TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1635

KAZ NRU. 2200

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Saviour Nappa

u

Burmarrad Commercials Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 10 ta' Ottubru 2005.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'nota prezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fil-11 ta' Gunju 2004 skond l-Att XXII ta l-2002.

It-Tribunal zamm sitt seduti.

Saviour Nappa, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona u Burmarrad Commercials Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Mario Gauci assistit mill-Avukat Ivan Gatt.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant jghid li tkecca ftit hin wara li qal xi kliem lill-*foreman* waqt argument. Hu jsostni li, waqt li jaf li ma kienx fl-interess tieghu l-mod kif tkellem, id-diskors ma kienx tali li kellu jwassal ghat-tkeccija.

Il-Kumpanija qalet li l-appellant tkecca wara li ma segwiex dak li qallu superjur, irrefjuta li jahdem is-sibtijiet kif kienet il-prattika tal-Kumpanija, insolenta lis-superjur tieghu bi kliem oxxen u dispreggattiv u ghedded li jaghmel ghalih.

Ic-cirkostanzi tal-kaz kienu li l-appellant talab lill-*foreman* biex ma jidholx ghax-xoghol f'sibt partikolari u qallu li ma kienx bi hsiebu jidhol aktar ghax-xoghol nhar ta' Sibt. Dan qallu li hu ma setghax jaghtih dan il-permess u dwar dan ghandu jmur ikellem lill-propjetarju. L-appellant mar ghand il-propjetarju izda, minflok talab permess ghal dak li ried, staqsieh ghaliex baghat ghalih. L-propjetarju qallu li ma kienx baghat ghalih u hawnhekk l-appellant beda johodha kontra l-*foreman*. Wara li l-propjetarju ivverifika xkien gara cempel lill-appellant u dan (skond il-propjetarju) beda jghid kliem hazin, .

dispreggattiv u ta' theddid kontra l-*foreman* kif ukoll iddikjara li minkejja dak li jista' jiddeciedi l-propjetarju ma kienx se jidhol ghax-xoghol is-sibt. Il-propjetarju meta rah daqshekk aggressiv qallu li jista' jqis ruhu bin-*notice*.

Mhemmx dubju li dak kollu li nqala kien kawzat minn nuqqas ta' l-apellant li jghid lill-propjetarju li ma riedx jidhol ghax-xoghol l-ghada, is-sibt, u anqas sibtijiet ohrajn kif kien qallu jaghmel is-superjur tieghu. Meta l-propjetarju ivverifika xkien gara mal-*foreman* u cempel lill-appellant dan irreagixxa b'mod tant aggressiv li hass li kellu jtih n-notice dak il-hin stess.
Meta, it-tnejn ta' wara, l-propjetarju offra lill-appellant biex jaghmel apologija lill-*foreman* hu rrifjuta ghax deherlu li ma kellux ghalfejn. Irid jinghad li hawnhekk kienet diga sehhet it-tkeccija. L-apppellant, ghalkemm jammetti li qal xi kliem iebes, jinnega li qal kliem ta' theddid.

It-Tribunal iqis li t-tkeccija saret meta l-propjetarju rreagixxa immedjatament ghal diskors li qal l-appellant fuq it-telefon, fis-sahna ta' argument wara li kellu kwistjoni mal-*foreman*. L-allegat kliem ta' theddid sar lill-propjetarju u mhux direttament lill-*foreman,* sar waqt li l-appellant kien irrabjat u bi kliem ("nifqaghlu wiccu") uzati spiss meta xi hadd jghid lil terza persuna x'kien se jaghmel lil persuna li mieghu kellu kwistjoni. Kien ikun ahjar kieku l-propjetarju, flok ha decizjoni mghaggla u applika s-sanzjoni estrema ta tkeccija, stenna sat-tnejn ta' wara u pprova jirranga s-sitwazzjoni bejn iz-zewg impjegati.

Hija hasra li haddiem li kien ta servizz tajjeb lill-Kumpanija ghal seba' snin, kif ammettiet il-Kumpanija stess, tkecca hesrem u din ma ghamlitx sforz akbar biex tirranga s-sitwazzjoni bejn zewg haddiema li sa dak inhar kellhom relazzjoni tajba hafna.

IL-Kumpanija kella gustifikazzjoni biex tiehu passi dixxiplinari izda setghet ma ghaggliets daqshekk biex tapplika s-sanzjoni estrema ta' tkeccija.

Il-bicca l-kbira tat-tort ghal dak li gara jrid jerfghu l-appellant izda minhabba li l-Kumpanija agixxiet b'mod mghaggel wisq din ghandha thallas kumpens limitat lill-appellant ta' Lm 250 (mitejn u hamsin lira) mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2005.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Segretarja.